Ħalliha, dur għal xi ħaġa oħra, xi ħaġa li tagħtik soddisfazzjon aktar...

ELLUL : Sewwa qed tgħidli, Dott, u l-parir tiegħek bi ħsiebni ngħożżu tajjeb għax jidher ġenwin u sinċier. Imma, għidli ftit, int milli tidher raġel sewwa, ġust, u m'intix falz. Il-għala dak in-nhar li saret l-ewwel darba l-kummiedja tiegħi, tawni tant tifħir, in-nies daħku bosta, kitbu fuqi u fuqha ħafna artikoli sbieħ. Imbagħad, wara ftit ġranet, kulħadd nesa kollox, mhux biss, imma ħafna daru għalija qatta bla ħabel. Il-għala, Dott?

BUNELL : Il-mistoqsija li qed tagħmilli hija wisq diffiċli biex wieħed iweġibha, l-aktar imbagħad għax jien m'inix kompetenti fl-affarijiet tat-teatru. Imma bħala bniedem li għalaqt is-sittin sena, bħala bniedem li ġrejt ħafna barra minn Malta, u għamiltha ma' ħafna nies, rajt mill-qrib l-akbar hena u doqt l-aqwa mrar, naħseb li... ara... kieku ma rridx...

ELLUL : Għidli, għidli, Dott, il-kelma tiegħek bi ħsiebni ngħożżha ħafna...

BUNELL : Trid ingħidhielek kif inħossha?

ELLUL : Iva, Dott...

BUNELL : Ir-raġuni hi sempliċement kustjoni fiżika, kustjoni, biex ingħiduha hekk, klimatika...

ELLUL : *(mistagħġeb bl-ikreh)* Eh?... Kif... X'inhu?...

BUNELL : Iva. Dak in-nhar tar-reċta kien *riħ fuq* u l-lum inzerta *riħ isfel*.

ELLUL : Ih! x'waħdadin! Din qatt ma bsartha. Kemm ibatu bl-irjieħ in-nies ta' Malta.

BUNELL : Mhux ta' Malta biss, ta' barra wkoll... ir-riħ isfel jirrenja kullimkien *(jinfexx f'daħka)*.

**TMIEM.**

---



## LILL-MADONNA TAT-TARAĠ*

*Ta'* DUN FRANS CAMILLERI

Xħin nitla' l-ewwel tarġa, o Marija,
 U nixħet ħarsti 'l fuq, nitgħaxxaq bik
 F'dehra tas-sema kollha bjuda u dija,
 U nitla' u ngħid bil-qalb: "Is-sliem għalik!"

Fuq wiċċek kollu ħlewwa u tjubija
 Tbissim ta' ħniena—it-tama tiegħi fik.
 Narak miġbura hekk, bil-ħajr mimlija...
 Le, le, irrid nibq'hawn, qatt ma nħallik!

B'ħarsti f'għajnejk imniżżla 'l isfel lejja
 Niftakar fi ħtijieti. Oh, ħallini
 Inbaxxi rasi jien, ngħatti għajnejja.

Hekk, kif tiġbidni lejk f'nofs dan it-taraġ,
 Fit-telgħa ta' dil-ħajja 'l fuq mexxini
 U ibqa' għalija Int it-tama u l-faraġ.

---

* Nota. — Kif tiftaħ il-bieb tal-Kulleġġ "San Lwiġi", tilmaħ statwa sabiħa u devota tal-Madonna. Għaliha hu miktub dan is-sunett.—D.F.C.

---

## FID-DAR TA' JOHN KEATS

*Ta'* ANĠ. DOUGALL

*("Wentworth Place", Hampstead)*

Mis-siġar kbar neżlin il-weraq tagħhom;
 L-għasafar f'korijiet jgħannu ferħana
 Nistħajlek, o poëta, qed tismagħhom
 F'ħolma ta' sliema, f'dil-ġnejna ħadrana;

Fost dina l-armonija tgħanni magħhom
 Għanjietek li sikwit kont issemmagħna;
 M'għadhiex il-liedna f'werqatha tilqagħhom
 Għax waqfet tidwi l-għajn safja tal-għana.

Ma terġa' tisma' qatt il-leħen tiegħek,
 Żagħżugħ tal-poeżija, dil-ġardina;
 Xejn aktar fl-għana ma jissieħeb miegħek.

Ġo Ruma, r-rużinjol fil-għodu kmieni
 Fuq qabrek leħnu jsemma' bħal taħnina
 X'ħin ikun moħbi fiċ-ċipress sewdieni.
 28. 10. 50.